**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**

**Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali**

**MAGISTRAT**
**DR RACHEL MONTEBELLO B.A. LL.D.**

**Kumpilazzjoni Nru.: 757/2009**

**Il-Pulizija**
**(Supretendent Maurice Curmi)**

**Vs**

**SAVIOUR MICALLEF**
(I.D. 835553M)

**EMANUEL MICALLEF**
(I.D. 593962M)

**Illum, 9 ta' Lulju 2019**

**Il-Qorti,**

Rat illi l-imputati **EMANUEL MICALLEF** detentur tal-karta tal-identita numru 835553(M) u **SAVIOUR MICALLEF** detentur tal-karta tal-identita numru 593962(M) f'isimhom propju, kif ukoll fil-kapacita' taghhom ta' diretturi ghan nom u in rapprezentanza tas-socjeta Master Electric Company Limited, tressqu quddiemha akkuzati talli:-

1) f'Settembru 2004 u fix-xhur precedenti f'dawn il-Gzejjer, ghamlu falsifikazzjoni f'att awtentiku u pubbliku, jew fi skrittura kummercjali jew ta bank privat, b'falsifikazzjoni jew tibdil fl-iskrittura jew fil-firem, billi holqu

pattijiet, disposizzjonijiet jew obbligi foloz jew helsien falz minn obbligi, ai terminu ta' l-artikolu 183 tal-Kodici Kriminali, Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

2) fl-istess zmien, lok u cirkostanzi xjentement ghamlu uzu minn dokumenti foloz, ai termini ta' l-artikolu 184 tal-Kodici Kriminali, Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

3) f'isem il-Kontrollur Tad-Dwana u l-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud qed jigu akkuzati talli fl-14 ta' Settembru 2004, u/jew f'xi data qabel, flimkien, u/jew bil-komplicita' u/jew bil-kooperazzjoni ta' xulxin jew ta' xi persuna jew persuni ohra, bil-hsieb li jigi evadut xi dazju jew taxxa li kien imisshom jithallsu, jew xi ligi jew limitazzjoni tad-Dwana dwar l-importazzjoni, xjentement ghamlu dikjarazzjoni jew issottomew dokument jew informazzjoni f'taghrif lill-awtoritajiet tad-Dwana - Reference No.2004600083957, relatata ma' Certificate of Origin Malasjan, Numru 2204916 datat 18/8/2004, biex sussegwentement tkun tista' tigi rilaxxata konsenja ta' Energy Saving Lamps, fejn wara stharrig irrizulta li dan ic-certifikat ma kienx awtentiku.

Ghaldaqstant, abbazi ta' dan ic-certifikat, bil-hsieb li jiffrodaw lill Gvern ta' Malta, huma xjentement kellhom b'xi mod x'jaqsmu filli bil-qerq jinharab l-*Anti-dumping* Duty Ii jammonta ghal Lm4,369 (€10,177), kif ukoll b'konsegwenza ta' dan in-nuqqas ta' hlas tal- *Anti-dumping* Duty huma xjentement evadew ukoll it-Taxxa fuq il-Valur Mizjud (VAT) li tammonta ghal Lm786 (€1,831).

Il-merkanzija in kwestjoni, li fuqha kienu thallsu biss id-Dazju ta' Importazzjoni u Taxxa fuq il-Valur Mizjud (VAT) li jammontaw ghal Lm178 (€415) u Lm1,222 (€2,846) rispettivament, giet importata f'Malta fl-10.09.2004 u rilaxxata bid-dokument tad-Dwana TD/D (Declaration) No. 2004600083957.

4) talli fis-16 ta' Novembru 2004, u/jew f'xi data qabel, flimkien, u/jew bil-komplicita' u/jew bil-kooperazzjoni ta' xulxin jew ta' xi persuna jew persuni ohra, bil-hsieb li jigi evadut xi dazju jew taxxa li kien imisshom ihallsu, jew xi ligi jew limitazzjoni tad-Dwana dwar l-importazzjoni, xjentement ghamlu dikjarazzjoni jew issottomettejtu dokument jew informazzjoni f'taghrif lill-awtoritajiet tad-Dwana Reference No.2004600105579, relatata ma' Certificate of Origin Malasjan, Numru 2204804 datat 22/8/2004, biex sussegwentement tkun tista' tigi rilaxxata konsenja ta' Energy Saving Lamps, fejn wara stharrig irrizulta li dan ic-certifikat ma kienx awtentiku.

Ghaldaqstant, abbazi ta' dan ic-certifikat, bil-hsieb li jiffrodaw lill-Gvern ta' Malta, huma xjentement kellhom b'xi mod x'taqsmu filli bil-qerq jinharab l-*Anti-dumping* Duty li jammonta ghal Lm641 (€1,493), kif ukoll b'konsensegwenza ta' dan in-nuqqas ta' hlas tal- *Anti-dumping* Duty huma xjentemnet evadew ukoll it-Taxxa fuq il-Valur Mizjud (VAT) li tammonta ghal Lm115 (€268).

Il-merkanzija nkwestjoni, li fuqha kienu thallsu biss id-Dazju ta' Importazzjoni u Taxxa fuq il-Valur Mizjud (VAT) li jammonmtaw ghal Lm26 (€61) u Lm179 (€417) rispettivament, giet importata f'Malta fl-10.11.2004 u rilaxxata bid-dokument tad-Dwana TD/D (Declaration) No. 2004600105579.

5) talli fl-24 ta' Jannar 2005, u/jew f'xi data qabel, flimkien, u/jew bil-komplicita' u/jew bil-kooperazzjoni ta' xulxin jew ta' xi persuna jew persuni ohra, bil-hsieb li jigi evadut xi dazju jew taxxa li kien imisshom ihallsu, jew xi ligi jew limitazzjoni tad-Dwana dwar l-importazzjoni, xjentement ghamlu dikjarazzjoni jew issottomettew dokument jew informazzjoni f'taghrif lill-awtoritajiet tad-Dwana Reference No.2005600130977, relatata ma' Certificate of Origin Malasjan, Numru 2207326 datat 19/12/2004, biex

sussegwentement tkun tista' tigi rilaxxata konsenja ta Energy Saving Lamps, fejn wara stharrig irrizulta Ii dan ic-certifikat ma kienx awtentiku.

Ghaldaqstant, abbazi ta' dan ic-certifikat, bil-hsieb li jiffrodaw lill-Gvem ta' Malta, huma xjentement kellhom b'xi mod x'jaqsmu filli bil-qerq jinharab 1-*Anti-dumping* Duty li jammonta ghal Lm 2,948 (€6,867), kif ukoll b'konsensegwenza ta' dan in-nuqqas ta' hlas tal-*Anti-dumping* Duty huma xjentement evadew ukoll it- Taxxa fuq il- Valur Mizjud (VAT) li tammonta ghal Lm 531 (€1,237).

Il-merkanzija nkwestjoni, li fuqha kienu thallsu biss id-Dazju ta' Importazzjoni u Taxxa fuq il-Valur Mizjud (VAT) li jammonmtaw ghal Lm 120 (€280) u Lm824 (€1,919) rispettivament, giet importata f'Malta fit-23.01.2005 u riIaxxata bid-dokument tad-Dwana TDID (Declaration) No. 2005600130977.

6) talli fit-18 ta' Lulju 2005, u/jew f'xi data qabel, flimkien, u/jew bil-komplicita' u/jew bil-kooperazzjoni ta' xulxin jew ta' xi persuna jew persuni ohra, bil-hsieb Ii jigi evadut xi dazju jew taxxa li kien imisskhom thallsu, jew xi ligi jew limitazzjoni tad-Dwana dwar l-importazzjoni, xjentement ghamiltu dikjarazzjoni jew issottomettew dokument jew informazzjoni f'taghrif lill-awtoritajiet tad-Dwana Reference No.2005600221164, relatata ma' Certificate of Origin Malasjan, Numru 2208969 datat 20.06.2005, biex sussegwentement tkun tista' tigi rilaxxata konsenja ta Energy Saving Lamps, fejn wara stharrig irrizulta li dan ic-certifikat ma kienx awtentiku.

Ghaldaqstant, abbazi ta' dan ic-certifikat, bil-hsieb li jiffrodaw lill-Gvem ta' Malta, intom xjentement kellkhom b'xi mod x'taqsmu filli bil-qerq jinharab l-*Anti-dumping* Duty li jammonta ghal Lm 3,700 (€8,619), kif ukoll b'konsensegwenza ta' dan in-nuqqas ta' hlas tal-*Anti-dumping* Duty huma xjentement evadew ukoll it-Taxxa fuq il-Valur Mizjud (VAT) li tammonta ghal Lm 666 (€1,551).

Il-merkanzija nkwestjoni, li fuqha kienu thallsu biss id-Dazju ta' Importazzjoni u Taxxa fuq il-Valur Mizjud (VAT) Ii jammonmtaw ghal Lm151 (€352) u Lm l,035 (€2,411) rispettivament, giet importata f'Malta fis-17/7/2005 u rilaxxata bid-dokumcnt tad-Dwana TDID (Declaration) No.2005600221164.
L-*Anti-dumping* Duty u 1-VAT totali evaduti, fuq dawn il-konsenji jammontaw ghal €27,156 u €4,887 rispettivament.

Dan bi ksur ta’ l-artikoli:
a) 18, 62 (f) (g) (h) (i) (k) (m), ta’ l-Ordinanza tad-Dwana Kap 37, u l-artikolu 18A ta' l-Att dwar Dazju ta' importazzjoni Kap 337, tal-Ligijiet tad-Dwana
b) 80 ta' l-Att dwar Taxxa fuq il-Valur Mizjud (Att Nru. XXIII ta' 1-1998).

Il-Qorti giet mitluba sabiex barra milli tapplika l-piena skond il-Ligi, tordna lill-imputat sabiex ihallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra tal-esperti, ai termini tal-artikolu 533 tal-Kodici Kriminali, Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Fl-ahharnett din l-Onorabbli Qorti giet mitluba ukoll illi f'kaz ta’ htija tordna il-konfiska tal-oggetti kollha esebiti.

Rat il-kunsens ta’ l-Avukat Generali[1] sabiex il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja u li l-imputati m’ghandhom l-ebda oggezzjoni biex il-kaz jigi hekk trattat[2].

Rat illi din il-kawza giet assenjata lill-Qorti kif preseduta;

Rat it-traskrizzjonijiet tad-depozizzjonijiet tax-xhieda li xehdu quddiem il-Qorti diversament preseduta;

Semghet ix-xhieda u rat il-provi u d-dokumenti kollha;

---

[1] Fol 24.
[2] Fol 25 u 26 rispettivament.

Rat li giet ezentata mill-partijiet milli terga' tisma' x-xhieda li kienu xehdu quddiem il-Qorti diversament preseduta;

Rat il-*letter to prosecute* tal-Kontrollur tad-Dwana[3].

Rat il-*letter to prosecut*e tal-Kummissarju tal-VAT[4].

Rat l-atti kollha.

Rat illi fl-udjenza tal-15 ta' Mejju 2019 il-partijiet qablu li l-kawza tithalla ghas-sentenza;

Rat illi l-kawza thalliet ghal-lum ghas-sentenza;

Ikkunsidrat;

**L-ISTQARRIJA TAL-IMPUTATI**

Il-Qorti qieghda qabel xejn tqanqal *sponta sua* l-inammissibbilita` bhala prova tal-istqarrija li ttiehdet minghand l-imputat Emanuel Micallef fit-30 ta' Jannar, 2009[5], u dik rilaxxata minn Saviour Micallef fil-31 ta' Jannar, 2009[6].

Dan minhabba li fiz-zmien meta ttiehdet dawn l-istqarrijiet, l-imputati, allura suspettati, ma kellhomx dritt legali ghal assistenza legali la qabel u lanqas waqt l-interrogazzjoni mill-Pulizija u effettivament f'dan il-kaz l-istqarrija ttiehdet minghand l-imputati minghajr lanqas ma nghatalhom id-dritt li jaghzlu li jkollhom

[3] Dok MDC 1 a fol. 29 - 31.
[4] Dok PSV1 a fol. 34 - 35.
[5] Dok MC6 a fol. 41 *et seq*.
[6] Dok MC7 a fol. 44 *et seq*.

l-assistenza ta' avukat ghaliex il-ligi ma kienetx tippermetti li s-suspettat ikollu jew jinghata assistenza legali waqt li jkun arrestat.

Il-gurisprudenza l-aktar recenti tal-Qorti Kostituzzjonali fosthom is-sentenzi fl-ismijiet **Gordi Felice vs Avukat Generali**[7] u **Christopher Bartolo vs Avukat Generali et**[8], moghtija fuq l-iskorta ta' diversi decizjonijiet tal-Qorti Ewropeja dwar id-Drittijiet tal-Bniedem, pacifikatament tirritjeni li r-regola hi li l-Artikolu 6(1) abbinat mal-Artikolu 6(3)(c) tal-Kapitolu 319 tal-Ligijiet ta' Malta jitlob li jkun hemm dritt ghall-assistenza legali f'kull stadju tal-investigazzjoni tal-pulizija, sakemm ma jigix ippruvat li hemm ragunijiet impellenti ghaliex dan id-dritt ghandu jigi ristrett. Fil-kaz deciz recentement mill-Qorti Ewropeja fl-ismijiet **Fazli Kaya vs Turkey**[9], gie ribadit illi jkun hemm lezjoni tad-dritt ghal smigh xieraq meta l-akkuzat ma jkollux jedd ghall-assistenza tal-avukat matul l-interrogazzjoni ghaliex il-ligi tal-pajjiz ma tkunx tippermetti din l-assistenza.

In propositu, fil-kaz **Dayanan vs Turkey**[10], il-Qorti Ewropea kienet irriteniet awtorevolment illi:-

"*31. The Court is of the view that the fairness of criminal proceedings under Article 6 of the Convention requires that, as a rule, a suspect should be granted access to legal assistance from the moment he is taken into police custody or pretrial detention.*
*32. In accordance with the generally recognised international norms, which the Court accepts and which form the framework for its case-law, an accused person is entitled, as soon as he or she is taken into custody, to be assisted by a lawyer, and not only while being questioned (for the relevant international legal materials see Salduz, cited above, §§ 37-44). … … …*
*33. In the present case it is not disputed that the applicant did not have legal assistance while in police custody because it was not possible under the law then in force (see Salduz, cited above, §§ 27 and 28). A systematic restriction of this kind, on the basis of the relevant statutory provisions, is sufficient in itself for a*

[7] Deciza fis-27 ta' Novembru 2017.
[8] Deciza fil-5 ta' Ottubru 2018.
[9] Appl. No. 24820/05, deciz 17/09/2015.
[10] Appl. No. 7377/03 deciz 13/10/2009.

*violation of Article 6 to be found, notwithstanding the fact that the applicant remained silent when questioned in police custody."*

Illi f'Jannar 2009, il-provvedimenti tal-Kodici Kriminali ma kienux konformi mad-dettami tad-dritt ghal smigh xieraq kif enuncjat fil-gurisprudenza fuq citata, u kif inhuma ezistenti llum wara l-promulgazzjoni tal-Att LI tal-2016, ghaliex dak iz-zmien kienu jeskludu l-jedd ta' konsultazzjoni ma' avukat lis-suspettat f'kull stadju tal-invesitgazzjonjiet tal-Pulizija sakemm is-suspettat jitressaq quddiem il-qorti u konsegwentement, is-salvagwardji necessarji kontra l-periklu li ssehh lezjoni tad-dritt ghal smigh xieraq tal-persuna akkuzata, kienu kompletament mankanti. Huwa immaterjali l-fatt illi s-suspettat seta' zamm is-silenzju jew ma jkunx ghamel dikjarazzjonijiet inkriminanti waqt l-interrogazzjoni ghaliex f'dawn ic-cirkostanzi, kull haga li jkun intqal jew ma jkunx intqal mis-suspettat waqt l-interrogazzjoni minghajr dawk is-salvagwardji kontra r-riskju ta' intralc tad-dritt ghal smigh xieraq, ma ghandhiex tkun ammissibbli fil-proceduri kriminali li jkunu eventwalment ittiehdu kontra l-istess persuna.

Mehud qies tal-konsiderazzjonijiet hawn maghmula, il-Qorti tqis li jkun ghaqli li sabiex jigi evitat li l-proceduri odjerni jigu kompromessi b'xi forma ta' irregolarita` li tista' twassal ghall-ksur tad-dritt tal-imputat ghal smigh xieraq, m'hijiex sejra taghmel uzu mill-kontenut tal-imsemmija stqarrija tal-imputat meta tigi biex tqis il-provi migjuba f'dawn il-proceduri.

Ghaldaqstant, il-Qorti sejra tgharbel il-provi mressqa quddiemha biex abbazi tar-rizultanzi ta' dawn il-provi u minghajr ebda referenza ghat-twegibiet moghtija mill-imputati ghad-domandi li sarulhom waqt l-interrogazzjoni.

Ikkunsidrat;

Illi l-fatti ta' din il-kawza kif johrogu mill-atti processwali huma s-segwenti.

Il-kaz jorigina minn *alert* li sar lid-Dipartiment tad-Dwana mill-OLAF dwar importazzjoni gewwa Malta ta' *energy-saving lamps* li ghalkemm ikun gew indikati li gejjin mill-Malaysia, l-origini taghhom kien ic-Cina. Mill-investigazzjonijiet li ghamel il-Post Clearance Audit Unit fi hdan id-Dipartiment tad-Dwana fl-2006 in konnessjoni ma' dan l-*alert*, irrizulta illi fost importaturi ohrajn, il-kumpannija Master Electric Company Limited, rapprezentata miz-zewg imputati odjerni bhala d-diretturi taghha, kienet importat numru ta' konsenji ta' *energy-saving lamps* fl-2004 u 2005, liema prodotti gew dikjarati li originaw fil-Malaysia.

Meta l-kumpannija giet mitluba mill-imsemmi Unit sabiex tissottometti *certificates of origin* ta' dawn il-prodotti bhala parti mill-investigazzjonijiet tad-Dwana, din ipproduciet hames *certificates of origin* li jidhru li nhargu mill-Malay Chamber of Commerce gewwa l-Malaysia. Mill-verifiki li saru mid-Dwana mal-awtoritajiet gewwa l-Malaysia, irrizulta illi dawn ic-certifikati, li kif inghad jindikaw li l-prodotti relattivi originaw mill-Malaysia ma kienux awtentici.

Billi l-oggetti importati gewwa Malta abbazi ta' dawn ic-certifikati, konsistenti f'tipi varji ta' lampi *energy saving*, kienu soggetti ghal dazju addizzjonali impost bhala *anti-dumping* duty f'kaz li dawn ikunu originaw minn certu pajjzi fosthom ic-Cina, l-imputati gew mixlijin illi meta pproducew lill-ufficjali tad-Dwana c-certifikati ta' origini allegatament foloz bl-indikazzjoni tal-origini tal-prodott bhala Malaysia, ghamlu hekk bil-hsieb li jevadu l-hlas ta' dazju msejjah *anti-dumping* duty li kellu jkun dovut fuq il-prodotti importati galadarba kienu gejjin mic-Cina, kif ukoll il-VAT relattiva dovuta.

Il-kaz tal-Prosekuzzjoni jistrieh ukoll fuq it-tezi illi l-imputati, fid-dikjarazzjonijiet li ghamlu lid-Dwana in konnessjoni mal-importazzjoni tal-konsenji in kwistjoni, indikaw HS Codes li ma kienux jikkorrispondu ghall-kategorija tal-prodotti effettivament importati, ghaliex il-prodotti importati effettivament kienu *compact*

*energy-saving lamps* u kellhom jigu dikjarati bhala tali. B'hekk, skont il-Prosekuzzjoni, isegwi li gie sottomess taghrif falz bi ksur tad-disposizzjonijiet tal-Ordinanza tad-Dwana kif ukoll tal-Kapitolu 377 u l-Kapitolu 460, bil-hsieb li jinharbu l-imposizzjoni u hlas ta' *anti-dumping duty* u taxxa fuq il-valur mizjud.

Ikkunsidrat;

**PROVI**

**Philip Grech** xehed[12] illi bejn is-sena 2002 sa 2008, huwa kien jahdem fis-sezzjoni tal-Post Clearance Audit Unit tad-Dwana, u li fl-2006 dahal *alert* mill-OLAF rigwardanti importazzjoni ta' *energy-savings lamps* manifatturati fic-China li kienu qed jigu dikjarati li nhadmu fil-Malaysia, meta in effetti il-Malaysia ma tipproducix dawn l-*energy-saving lamps*. Rigward il-kumpannija Master Electric Co. Ltd li taghha huma diretturi z-zewg imputati[13], ix-xhud jghid illi mill-istharrig li sar irrizulta illi din il-kumpannija kienet impurtat *energy-saving lamps* mill-Malaysia. Huwa jkompli jixhed illi din il-kumpanija tat kopji tac-*certificates of origin* relattivament ghall-konsenji tal-*energy-saving lamps* importati minnha lill-Post Clearance Audit Unit, u l-Unit kien baghat dawn id-dokumenti li gew ipprovduti lilhom, lic-Chamber of Commerce gewwa l-Malaysia, biex jigi stabbilit jekk kienux awtentici. Skont ix-xhud, l-informazzjoni li wasltihom mill-Malaysia kienet illi c-*certificates of origin* li gew provduti lilhom minn din il-kumpannija ma kienux awtentici u ma kienux mahruga mill-Malay Chamber of Commerce.

L-istess xhud Philip Grech ippreciza wkoll illi huwa kien involut ukoll f'dak li ghandu x'jaqsam ma' HS Codes, u kkonferma illi meta l-*energy-saving lamps* kienu gew importati mill-kumpannija Master Electric Co. Limited, dawn kienu gew dikjarati u klassifikati mill-importatur ghall-finijiet tad-Dwana bl-HS Code ta' lampi, meta effettivament, wara li l-oggetti importati gew ezaminati mid-Dwana,

[12] Xhieda tal-15 ta' Frar, 2011 fol. 47 - 49.
[13] Ara Dok. CJM1, fol. 37.

jirrizulta li dawn kienu *energy-saving lamps* u kellhom jigu klassifikati bhala tali. Fisser illi l-ahhar tliet numri tal-HS Code jirreferu ghal klassifika differenti ta' oggetti u dak iz-zmien, il-*country of origin* kien jiddetermina jekk huwiex dovut *anti-dumping duty* fuq l-importazzjoni tal-oggett in kwistjoni.

Dan ix-xhud esebixxa diversi dokumenti, fosthom erba' dikjarazzjonijiet li ghamel l-importatur lill-awtoritajiet tad-dwana (Dok. PGD2, PGD6, PGD9 u PGD15), u tliet certifikati ossia *certificates of origin* riferibbilment ghall-imsemmija dikjarazzjonijiet (Dok. PGD5, PGD11 u PGD17). Esebixxa wkoll il-*bills of lading* u *invoices* relattivament ghall-konsenji in kwistjoni.

In kontro-ezami, l-istess Philip Grech[15] fisser kif l-importatur f'dan il-kaz kellu jindika HS Code differenti ghall-oggetti li kienu qed jigu importati. B'referenza ghad-dikjarazzjoni tal-importatur Dok. PGD15 (bin-numru ta' referenza 2005600221164), li fiha l-istess importatur indika HS Code[16] numru 8539311090, ix-xhud qal li dan l-HS Code jirreferi ghal oggetti ohra li m'humiex l-*energy saving lamps* li effettivament gew importati.

**Saviour Grima**[19], Principal fl-Origin Unit fid-Dipartiment tad-Dwana, xehed illi f'Dicembru 2006 gew irreferuti lilu hames *certificates of origin* li sussegwentement intbaghatu minnu lill-Ministry of International Trade and Industry gewwa l-Malaysia sabiex jigi verifikat humiex awtentici, u sussegwentement, b'zewg ittri mibghuta mill-Malay Chamber of Commerce gewwa l-Malaysia, gie konfermat illi dawn il-hames certifikati ma kienux awtentici u ma nhargux mill-Malay Chamber of Commerce[20]. Ix-xhud issenjala illi ghalkemm iz-zewg ittri mibghuta mill-Malay Chamber of Commerce huma ffirmati mill-istess persuna[21] li jidher li ffirmat l-imsemmija *certificates of origin*,

[15] Xhieda tat-18 ta' Mejju 2011.
[16] Fid-dikjarazzjoni indikata bhala "Commodity Code".
[19] Xhieda tal-14 ta' frar 2012 u xhieda ulterjuri tad-19 ta' Mejju, 2014.
[20] Ara dokumenti esebiti mix-xhud a fol. 125 sa 134.
[21] Sharif Saudah Syed Mahmood.

huwa mhux f'pozizzjoni illi jghid min effettivament kien l-awtur ta' dawn ic-certifikati.

L-istess Saviour Grima fid-depozizzjoni tieghu spjega illi minhabba kwistjoni ta' *anti-dumping* kien ikun hemm dazju addizzjonali impost fuq oggetti importati minn certu pajjizi, fosthom ic-Cina, u kwindi l-htiega tac-*certificate of origin* biex jigi determinat l-origini tal-oggett importat u jekk ghandux jigi impost dan id-dazju addizzjonali. Ix-xhud ma setax jghid b'certezza jekk id-dazju kontra l-*anti-dumping* japplikax ghal oggetti gejjin mill-Malaysia u qal ukoll illi huwa ma jistax jghid lanqas fejn originaw il-lampi importati mill-importatur f'dan il-kaz, ossia mill-kumpannija Master Electric Co. Limited.

L-imputat **Saviour Micallef**[24] xehed illi ghalkemm huwa kien direttur tal-kumpanija flimkien ma' huh Emanuel Micallef, kien huh li kien jiehu hsieb l-affarijiet ta' barra u l-importazzjoni tal-merkanzija. Hu kien jiehu hsieb affarijiet lokali, affarijiet tal-imhazen u bejgh u qal illi ma kellu ebda komunikazzjoni mal-kumpanniji estera li minghandhom gew importati l-prodotti mertu tal-kaz, la personalment u lanqas permezz tat-telephone, u lanqas qatt ra d-dokumenti li ntbaghtu minn dawn il-kumpanniji. Huwa xehed ukoll illi ma jafx id-differenza bejn il-prodotti gejjin mic-Cina u dawk gejjin mill-Malaysia.

Dwar il-konsenji mertu ta' dawn il-proceduri, l-imputat Saviour Micallef fisser illi:

"*sakemm ma jigi x-xoghol mid-dwana kollox kien sew, ix-xoghol effetivament in kwistjoni nbiegh kollu mbaghad il-pulizija baghtet ghalija. Jien ma stqasejtx id-direttur l-iehor x'kien qed jaghmel dwar l-ordnijiet li kien qed jaghmel barra ghax daka kien kompitu tieghu.*"

L-imputat l-iehor **Emanuel Micallef**[26] xehed illi huwa kien mar fiera fic-Cina u kien ordna l-lampi minghand supplier Ciniz. Huwa qal li insista mas-supplier u

[24] Xhieda tas-17 ta' Mejju, 2018 fol. 288 et seq.
[26] Xhieda tat-3 ta' Dicembru, 2018 fol. 307 et seq.

ghamilhielu car illi l-prodott riedu immanifatturat fil-Malaysia peress li fuq prodotti gejjin mill-Malaysia ma kienx hemm *anti-dumping* duty:-

"*Ghamiltlu l-ordni jien, spjegajtlu car u tond illi jiena l-prodott irridu manifattorat fil-Malaysia*."

L-imputat spjega illi ghalkemm is-supplier kien Ciniz, kien informah li huma jaghmlu hafna exports u jimmanifattura mhux fic-Cina biss. Fil-fatt dan is-supplier kien qallu illi l-prodotti li ried l-imputat kien se jaghtihomlu "*made in Malaysia*". Skont dan l-imputat, huwa ma kellu ebda dubju li t-tip ta' lampi li kien se jimporta, li skont hu kienu *discharge lamps*, ma kienx ser ikunu soggetti ghal *anti-dumping* duty fuqhom, lanqas li kieku kienu manifatturati fic-Cina, madankollu ried ikun cert u ghalhekk ordnahom manifatturati fil-Malaysia. Huwa xehed hekk fir-rigward:-

*"Jiena ridt inkun cert one hundred percent li m'hemmx antidumping duty fuqhom, ghax imbghad skoprejna wara ukoll illi dawk id-discharge lamps li ahna importajna lanqas li kieku kellhom jigu mic-China ma kien hemm antidumping duty*."

L-imputat Emanuel Micallef spjega wkoll illi meta waslu l-konsenji in kwistjoni gewwa Malta, dawn gew ikkontrollati mid-Dwana:-

"*… jigifieri kienu bl-istripping u meta jkollok container bl-istripping ikun hemm li tad-dwana jiccekkjaw l-HS Codes, jiccekkjaw il-prodott minnufih u qabel ma jaraw li jkollok one hundred percent l-affarijiet lanqas biss jirrilaxawlek ix-xoghol. … Kien hemm xi erbgha konsenji wara xulxin tajjeb u wara li ghaddew xi sentejn gew xi ufficjali tad-dwana u staqsewni ghad-dokumenti. L-original documents. U ahna x-xoghol konna diga kwazi bieghnih kollu.* ***U talbuni d-dokumenti u li kelli dak il-hin tajhtomlhom immedjatament, u li ma kellix tlabt lis-supplier biex jibghathomli ghax ghidtlu li gew tal-customs biex intihom ic-certificate of origin. Ghax dak l-unika dokument li ma kellix***."[27]

[27] Enfasi tal-Qorti.

Dwar ic-*certificates of origin*, l-imputat fisser illi dawn intbaghtu lilu bil-posta u huwa ghadda kollox minnufih lid-Dwana flimkien mad-dokumenti kollha li kien diga` tahom qabel inkluz kemm kien hallas dazju u taxxa qabel il-containers kienu gew rilaxxati. Huwa fisser hekk:-

"*... ghaliex mic-China trid thallas id-duty u l-VAT qabel jirrilisjawlek il-containers. U mhux l-ewwel container biss niftakar li kellna stripping, kien hemm anki minn konsenji ohra li strippjawlna il-containers d-Dwana stess biex jiccekkjaw kollox halli kemm bhala prodott u kemm bhala dokumenti jaraw jekk hemmx antidumping duty. U l-ebda wiehed ma kienu zammewlna, irrilaxawhomlna kollha.*"

Dwar l-HS Codes tal-oggetti importati minnu, l-imputat xehed qal:-

"*Jiena mbghad wara skoprejt li meta bghatulna mill-customs li iridu nhallsu l-antidumping duty jiena iccekjajt l-HS Codes ta' fejn jaqaw l-antidumping duty, u l-bozoz li importajna ahna, ma kienux jaqghu taht 1-antidumping duty. Anke jekk stess kienu gejjin mic-Chin*a … *Li importajna ahna kienu differenti minn dawk li jaqghu taht l-antidumping duty*'… *Issa huma d-Dwana applikaw HS Code number differenti minn dak li ahna konna qed nimportaw fuqu, li huwa iddikjarat fil-lenti tad-Dwana, u ikkonfermawlna d-Dwana stess u talbuna biex inhallsu dawk l-ammont ta' flus*".

…

***Magistrat:*** *U l-HS Code li applikaw id-Dwana ghalxiex jirreferi?*

***Xhud:*** *Jirreferi ghal energy saving lamps li jaqaw taht l-antidumping duty. Li kieku, li kieku ahna ma konniex, korretti kieku meta kellna l-istripping kieku kienu jindunaw ghax dan ma jaharbilhom xejn.*

*...*

***Xhud:*** *Imbaghad d-Dwana wara biddlulna l-HS Code number illi ahna dahhalna l-merkanzija fuqu, applikawlna HS Code number iehor biex igghaluna inhallsu l-antidumping duty.*

***Magistrat:*** *Jigifieri l-HS Code li applikawlkom d-Dwana kien jirreferi ghal-prodotti li gejjin min pajjiz partikolari pero?*

***Xhud:*** *Iva li kienu gejjin mic-China. Imma huma meta talbuna biex inhallsu l-flus kienu qed jirreferu illi l-prodotti taghna mhumiex taht l-HS Code illi m'hemmx antidumping duty fuqhom.*"

Ikkunsidrat;

**<u>L-EWWEL U T-TIENI IMPUTAZZJONI</u>**

Illi l-imputati jinsabu mixlijin bir-reat ta' falsifikazzjoni ai termini ta l-Artikolu 183 tal-Kodici Kriminali. In propositu, issir referenza ghal dak li ntqal fis-sentenza **Il-Pulizija vs Glen Debattista**[28], liema sentenza giet ukoll citata fis-sentenza "**Il-Pulizija vs Gordon Spiteri**[29]**:-**

*"Illi fil-fatt il-Ligi taghna tipprovdi kemm dwar 'l hekk imsejjah falz materjali kif ukoll 'l hekk imsejjah falz ideologiku. Id-differenza bejn dawn il-forom ta' falsifikazzjoni tohrog cara minn dak li qalet il-Qorti tal-Appell Kriminali:*

*'Id-differenza bejn il-falz materjali u l-falz ideologiku hi spjegata mill-awturi b'dan il-mod: fil-waqt li fil-kaz tal-falz materjali d-dokument jigi falsifikat fl-essenza tieghu, fil-kaz tal-falz ideologiku d-dokument ikun falsifikat biss fis-sustanza tieghu u cioe` fil-kontenut ideali tieghu; ikun hemm falsita` materjali meta d-dokument ikun wiehed mhux genwin (jigifieri meta d-dokument ikun issubixxa alterazzjonijiet wara l-formazzjoni definittiva tieghu), mentri fil-falz ideologiku, ghalkemm id-dokument ikun genwin "non e' veridico perche' colui che lo ha formato gli fa dire cose contrario al vero".*[30]

Applikat dan l-insenjament ghall-kaz in kwistjoni, il-Qorti tqis illi gie ppruvat sodisfacjentement mill-Prosekuzzjoni l-element tal-falz materjali tas-*certificates of origin* mahrugin mill-Malay Chamber of Commerce li jinsabu esebiti fl-atti[31]. Fil-fehma tal-Qorti ma hemm l-ebda dubju li dawn ic-certifikati m'humiex awtentici u ma nhargux mill-Malay Chamber of Commerce, kuntrarjament ghal dak li gie dikjarat fl-istess certifikati.

Fis-seduta tat-22 ta' Gunju 2017, l-ufficjal Prosekutur ipprezenta Rogatorji u l-Avukat Generali permezz ta' nota ipprezenta fl-atti Dok MLA li huwa rcieva minghand l-awtoritajiet kompetenti gudizzjarji tal-Malasja[32]. Minn dawn ir-rogatorji tradotti mil-lingwa Indonesjana ghal-lingwa Ingliza mill-espert mahtur mill-Qorti, liema rogatorji saru lil Sharifah Saudah Syed Mahmood, manager tal-Malay Chamber of Commerce fi hdan il-Ministry of International Trade and

---

[28] Kumpilazzjoni nru 24/2009 sentenza moghtija fil-11 ta' Settembru, 2013.
[29] Kumpilazzjoni nru 1049/2010 sentenza moghtija fit-23 ta' Marzu, 2015.
[30] Ref. **Pulizija vs Paul Galea**, Appell Kriminali moghti fi-17 ta' Ottubru, 1997.
[31] Esebiti bhala Dok. PGD5, PGD8, PGD11 u PGD17.
[32] Fol. 212 *et seq*.

Industry gewwa l-Malaysia, jirrizulta inkonfutabbilment illi (i) l-*energy saving lamps* u l-*flourescent lamps* indikati fis-*certificates of origin* esebiti fl-atti u formanti parti mir-rogatorji, ma kienux oggetti li dak iz-zmien kienu jigu manifatturati gewwa l-Malaysia; (ii) il-firma tal-imsemmija Sharifah Saudah Syed Mahmood fuq il-hames *certificates of origin*, ma hijiex taghha u kienet falsifikata; u (iii) l-ittri datati 25 ta' Jannar 2007 u 6 ta' Marzu 2007[33] kienu effettivament intbaghtu mill-istess Sharifah Saudah Syed Mahmood u kwindi huma genwini.

Madankollu, il-Qorti tosserva wkoll illi l-awtur ta' dawn ic-certifikati mhux biss m'huwiex maghruf izda m'huwiex ippruvat lanqas illi kienu l-imputati jew wiehed minnhom li ffalsifikaw dawn ic-certifikati. Fir-rigward, ix-xhud Savior Grima, ufficjal tad-Dwana, xehed hekk:-

*"Dawn huma certifikati li gew prezentati mit-Trader in kwistjoni l-imputati odjerni, biex jikkonfermaw li l-prodotti kienu originali mill-Malaysia. Min ghamel dawn id-dokumenti ma nistax nghid jien".*[34]

Ghaldaqstant, ma jirrizultax reita` fl-imputati ghar-reat ta' falsifikazzjoni ta' dokument kif addebitat fl-ewwel imputazzjoni.

Ikkunsidrat;

Illi l-imputati jinsabu wkoll mixlijin bir-reat taht l-Artikolu 184 tal-Kodici Kriminali, cioe` li xjentement ghamlu uzu minn dokumenti foloz. Dwar dan il-punt, Prof. Mamo jghid hekk:-

"*the crime of forgery, as we have said, is complete, even though the purpose had in view by the forger has not yet been accomplished. The injury to public trust is that which characterises the public nature of these crimes and as this injury is effected by the forgery, so, sufficient grounds arise for applying to it the*

[33] Esebiti minn Saviour Grima a fol. 131 u 133.

[34] Xhieda tal-19 ta' Mejju, 2014. Fol. 163

*punishment prescribed by the law, independently of the use which may be made of the false instruments to attain the ultimate purpose aimed at by the offender. It may well happen that the person who did not in any way participate in the forgery, knowingly makes use of the forged document. As such use cannot be considered as an act of complicity in the forgery, there cannot be complicity after the fact – it is punished as a substantive independent crime.*

***The knowledge of the falsity of the document is required at the time use is made thereof, whether or not it also existed at the time the instrument came into the hands of the person who uses it****. Other systems of law, for purposes of punishment, make a distinction between the case in which the user had received the instrument in good faith, being unaware of the forgery, and the case in which knowledge of the falsity existed from the very beginning, the law does not make any such distinction...*
*We have already stated that the use of a false document is considered as a separate offence even where the utterer is the forger himself. This, however does not prevent in appropriate cases the application of section 19(h) according to which where one offence serves as the means for another offence, only the punishment applicable to the greater offence shall be applied'.*[36] [enfasi tal-Qorti]

Ikkunsidrat;

Fir-rigward, il-Qorti tibda billi tosserva li mill-provi akkwiziti, ma hemm xejn x'juri li meta l-konsenji in kwistjoni bil-prodotti importati kienu waslu Malta fis-sena 2004 u 2005, kien hemm xi impediment biex dawn jigu rilaxxati lill-importatur, cioe` l-kumpannija Master Electric Co. Limited. Huwa risaput illi sabiex jinghata l-*clearance* da parti tad-Dwana ghar-rilaxx tal-merkanzija, id-dokumenti kollha mehtiega mill-istess Dipartiment, iridu jigu sottomessi mill-importatur sabiex dawn jigu analizzati u verifikati, u f'certi kazijiet, jigi spezzjonat ukoll il-kontenut tal-containers. Naturalment, id-dazju u taxxa relattiva debitament komputati, iridu jkunu wkoll imhallsa. Mill-atti l-Qorti fehmet illi effettivament, dan l-ezercizzju sar in konnessjoni mal-konsenji kollha mertu ta' dawn il-proceduri, u li dawn il-konsenji gew ezaminati mid-Dipartiment tad-Dwana mal-wasla taghhom f'Malta. M'huwiex kontestat illi effettivament il-konsenji kollha nghataw id-debitu *clearance* dak iz-zmien u gew rilaxxati lill-imputati minghajr diffikolta`.

[36] Prof Mamo Anthony: Notes on Criminal Law, Part II pagna 187 (Ed. 1954-1955).

Fir-rigward, Philip Grech xehed hekk:-

"*Nghid illi dawn l-energy saving lamps mid-dwana ta' Malta kienu ghaddew. Nghid dawn l-oggetti kienu ghaddew fuq l-HS Code tad-dokumentazzjoni li esebejt jien illum.*[37]"

Jirrizulta wkoll illi l-investigazzjonijiet dwar l-indikazzjoni tal-origini tal-prodotti importati u dwar l-allegati irregolaritajiet fl-applikazzjoni tal-HS Codes ghall-fini ta' hlas ta' *anti-dumping duty* fuq l-importazzjoni tal-merkanzija in kwistjoni, skattaw diversi xhur u f'kaz ta' whud mill-konsenji, iktar minn sena wara l-importazzjoni u r-rilaxx tal-merkanzija[38].

Wara li ezaminat akkuratament il-provi akkwiziti fl-atti, il-Qorti fehmet illi meta l-Post Clearance Audit Unit tad-Dwana rcevew l-*alert* mill-OLAF u investigaw l-importazzjoni tal-konsenji tal-oggetti li kienu gew dikjarati li originaw mill-Malyasia, huma talbu lill-imputati jipproducu *certificates of origin* relattivament ghall-oggetti importati, u dan sabiex jigi stabbilit jekk il-prodotti importati mill-imputati verament originaw mill-Malaysia skont kif kienu ddikjaraw originarjament, anke ghall-fini ta' kontroll dwar l-indikazzjoni tal-HS Code u kwindi l-applikabbilita` o meno tal-*anti-dumping duty* fuq l-importazzjoni ta' dawn il-prodotti.

Minn dak li xehed l-imputat Emanuel Micallef, il-Qorti fehmet ukoll illi dawn is-*certificates of origin* ma gewx effettivament prodotti mal-wasla tal-containers gewwa Malta, izda d-dokumenti kienu rikjesti biss *ex post facto* meta skattat l-investigazzjoni mill-awtoritajiet tad-Dwana. Mid-dikjarazzjonijiet sottomessi mill-importatur lid-Dipartiment tad-Dwana fuq kull konsenja investigata, jirrizulta li l-investigazzjonjiet dwar dawn il-konsenji saru mill-Post Clearance Audit Unit

[37] Dok. PGD2 sa PGD21.
[38] Ara xhieda ta' Philip Galea in kontro-ezami: seduta tal-15 ta' Frar 2011, fol. 50.

fl-20 ta' Marzu 2006, li hija d-data li tidher fuq kull pagna tad-dikjarazzjonijiet relattivi[39].

Dan jinsab affermat ulterjorment mill-kontenut tal-Post Clearance Audit Report esebit minn Philip Grech (Dok. PGD1), li fih gie rapportat illi "*We obtained copies of Certificates of origin for the four imports*", u dan riferibbilment ghall-investigazzjoni li saret fix-xahar ta' Marzu 2006 kif indikat fl-istess rapport[40], kif ukoll mix-xhieda tal-istess Philip Grech meta, b'referenza ghall-investigazzjoni li kienet qed tigi kondotta mill-Post Clearance Audit Unut, qal hekk:

"*Nghid illi l-imsemmija kumpannija, l-Master Electrics Co. Ltd lilna tawna kopji tac-certificate of origin. Nghid illi ahna ghandna personnel illi huma inkarigat li jibghat barra dawn il-kopji ghall-fini li dawn jigu certifikati jekk humiex originali jew le…*"

Ghandu jinghad li ma ngiebet ebda prova li turi illi dawn ic-certifikati kienu diga` gew sottomessi lill-awtoritajiet tad-Dwana mill-imputati fiz-zmien tal-importazzjoni. Tant hu hekk illi l-Qorti tifhem li kieku dawn id-dokumenti kienu diga` fil-pussess tal-awtoritajiet doganali ma kien ikun hemm ebda htiega biex l-imputati jergghu jipproducu sussegwentement kopja tal-istess dokumenti. Dan iwassal lill-Qorti ghall-konkluzjoni illi kien proprju ghaliex fiz-zmien tal-importazzjoni dawn ma kienux rikjesti mill-awtoritajiet tad-Dwana li l-imputati gew mitluba jissottomettu *certificates of origin* tal-oggetti importati biex dawn jigu verifikati. Mix-xhieda tal-imputat Emanuel Micallef jirrizulta wkoll illi huwa ma kienx inghata dawn ic-certifikati mis-supplier Ciniz meta kien ordna x-xoghol, u ma kienux mehtiega ghar-rilaxx tal-konsenji mid-Dwana.

Tassew, l-unika verzjoni li hemm in atti hija illi l-imputati gew mitluba mill-Post Clearance Audit Unit biex f'xi zmien fl-2006, igibu prova dwar l-orgini ta' prodott minnhom importat iktar minn sena qabel. L-imputat Emanuel Micallef xehed,

---

[39] Dok. PGD2, PGD6, PGD9 u PGD15.
[40] Fol. 52 u 53.

b'mod inkontestat, illi meta l-ufficjali tad-Dwana talbuh jissottometti *certificates of origin* tal-oggetti importati, huwa talab lis-supplier Ciniz biex jibghathomlu u qal li dawn ic-certifikati nbaghtulu bil-posta u huwa ghaddihom direttament lid-Dwana.

Ikkunsidrat;

Il-Qorti tqis illi l-fatt wahdu li l-imputati pprovdew dawn ic-certifikati meta gew mitluba li jipproducuhom wara t-trapass ta' diversi xhur wara li l-konsenja dahlet Malta u giet rilaxxata, mhux bizzejjed biex iwassalha ghall-konkluzjoni li l-imputati kienu jafu li dawn ic-certifikati ma kienux awtentici, u dan fl-assenza assoluta ta' provi ohrajn, anke cirkostanzjali, li juru mod iehor. Fuq kollox, kif inghad, billi ma jirrizultax illi c-certifikati rispettivi kienu rikjesti u prodotti lill-awtoritajiet doganali mal-importazzjoni tal-konsenji in kwistjoni, huwa difficli biex jigi ravvizat xjenza fl-imputati illi huma kienu qed juzaw dokumenti foloz biex iqarrqu dwar il-provenjenza tal-oggetti importati.

Lanqas il-fatt li c-certifikati kienu kopji u mhux originali ma jista' jikkonvinci lill-Qorti illi l-imputati messhom kienu jafu li l-istess ceritifkati ma kienux genwini. Il-Qorti temmen lill-imputat Emanuel Micallef meta xehed illi huwa pprezenta lill-awtoritajiet tad-Dwana id-dokumenti li bghatlu s-supplier Ciniz u ma hija affattu konvinta illi gie ppruvat fil-grad li trid il-ligi, u lanqas fuq bazi ta' probabbilita,` illi l-imputati setghu jkunu jafu li dawn ic-certifikati kienu foloz.

Biex tasal ghall-konkluzjoni kuntrarja l-Qorti tkun qieghda taghmel assunzjonijiet u kongetturi li m'humiex fondati fuq provi konkreti. Per ezempju, ma ntweriex li l-imputati diga` kellhom fil-pussess taghhom jew kienu diga` sottomettew dokumentazzjoni ohra mahruga mill-istess Malay Chamber of Commerce, li kienet differenti mic-certifikati odjerni kwantu ghall-forma materjali u b'hekk setghu jintebhu bil-falzita` tac-certifikati in kwistjoni. F'kull kaz, jigi osservat illi t-

timbru tal-Malay Chamber of Commerce u l-firma tal-imsemmija Sharifah Saudah Syed Mahmood fuq dawn ic-certifikati humaa mad-daqqa t'ghajn identici ghat-timbu u l-firma fuq il-korrispondenza mibghuta mill-istess xhud lid-Dwana[41] u konsegwentement, il-Qorti tqis illi l-imputati setghu *in buona fede* hasbu li kienu fil-pussess ta' kopji ta' dokumenti ufficjali minghajr ma kellhom ghalfejn jassumu li kienu foloz.

F'dawn ic-cirkostanzi, il-Qorti hija konvinta illi l-imputati ma kienux jafu li d-dokumenti li rcevew minghand is-supplier esteru li minghandu gie ordnat ix-shipment tal-merkanzija, kienu falsifikati, u difficilment jista' wiehed jasal ghall-konkluzjoni illi l-imputati setghu kienu konsapevoli dwar il-falsita` tac-certifikati.

Ikkunsidrat;

Mizmum ferm dak kollu fuq premess, il-Qorti tqis li ma tistax tinstab htija fl-imputati anke minhabba l-mod kif gew imfasslin il-parametri temporali tar-reati taht l-Artikoli 183 u 184 tal-Kap. 9, oggett tal-ewwel u t-tieni imputazzjonijiet. Dan ghaliex filwaqt li l-imputati gew mixlijin illi "***f'Settembru 2004 u x-xhur ta' qabel***" iffalsifkaw u li xjentement ghamlu uzu minn dokumenti li kienu jafu li huwa falz, ma giex pruvat illi d-dokumenti ossia certifikati foloz gew prodotti fuq talba tal-ufficjali tad-Dwana fiz-zmien tal-importazzjoni. Ghall-kuntrarju, mill-provi senjatament mix-xhieda ta' Philip Grech, izda kif affermat ukoll mill-imputat Emmanuel Micallef, jirrizulta li d-Dwana gew fil-pussess ta' dawn ic-certifikat ghall-ewwel darba biss fl-2006 u cioe` **wara** d-data indikata fic-citazzjoni.

Illi s-subartikolu (2) tal-Artikolu 360 tal-Kodici Kriminali huwa car f'dak li ghandu jissemma specifikatament fic-citazzjoni, u jipprovdi li:-

[41] Ara dokumenti a fol. 131 u 133, esebiti minn Saviour Grima.

"*Ic-citazzjoni ghandha ssemmi car il-persuna mharrka, u ghandu jkun fiha, fil-qosor, il-fatti ta' l-akkuza, bil-partikularitajiet ta' zmien u ta' lok li jkunu jinhtiegu jew li jkunu jistghu jinghataw*......"

Illi fis-sentenza moghtija fit-18 ta' Ottubru 2005 mill-Qorti tal-Appell Kriminali fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs John Mary Briffa**, fejn l-appellant f'dik il-kawza gie akkuzat b'reati li allegatament sehhew "*ghall-habta tas-7.30 p.m.*" mentri l-provi kienu jirrigwardaw incident li sehh "*ghall-habta tas-7.30 a.m.*", intqal hekk:-

"*L-imputazzjoni ghalhekk kif impostata qed tirreferi ghal xi haga li allegatament grat tnax-il siegha wara u l-ewwel Qorti hekk sabet lill-appellant hati. Mill-provi ma jirrizultax li gara xi incident fil-hin indikat f'l-imputazzjoni u ghalhekk l-appellant ma setax jinsab hati kif fil-fatt insab. Il-frazi "ghall-habta ta' tindika hin approssimattiv u tinkludi hin vicin dak imsemmi fl-imputazzjoni izda zgur mhux tnax-il siegha wara.*"[42]

Kif gie ritenut ukoll mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-sentenza **Il-Pulizija vs omissis Francesco sive Godwin Scerri** deciza fit-18 ta' April 2012, jekk tul il-kumpilazzjoni jkunu jirrizultaw partikolaritajiet ta' fatti, lok u zmien li jvarjaw sostanzjalment ma' dak indikat fl-imputazzjonijiet, il-prosekuzzjoni setghet titlob korrezzjoni fic-citazzjoni izda fin-nuqqas, ghandha titqies li ntrabtet mal-fatti kif espressi fl-imputazzjonijiet originali.

Ikkunsidrat;

Izda fil-kaz odjern, ma ntalbet ebda korrezzjoni mill-Prosekuzzjoni biex il-partikolarita` taz-zmien indikata fl-imputazzjonijiet odjerni, li jirrizulta illi hija manifestament zbaljata, tigi tirrifletti dak li jirrizulta b'mod pjuttost manifest mill-provi. Konformement, il-Qorti tqis illi l-Prosekuzzjoni baqghet marbuta mal-

[42] Ara wkoll in propositu **Il-Pulizija (Spettur Nadia Lanzon) vs Rita Zammit**, deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fl-14 ta' April 2005; **Il-Pulizija (Spettur Pierre Micallef Grimaud) vs Christopher Ryan et**, deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fl-10 ta' April 2014 u **Il-Pulizija vs Raymond Xerri**, deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-26 ta' Jannar 2017.

imputazzjonijiet kif impostati li, kif gia` stabbilit, jirreferu ghad-data ta' Settembru 2004 u qabel.

Stabbilit dan, u applikati l-imsemmija principji dottrinali ghall-kaz in ezami, huwa car allura illi f'kull kaz, l-imputati ma jistghux jinsabu hatja tal-ewwel u t-tieni imputazzjonijiet, billi dawn jirreferu ghal partikolarita` ta' zmien ferm differenti minn dak li mill-provi jirrizulta li fih sehhew il-fatti li wasslu ghal dawn l-imsemmija imputazzjonijiet, u ma jirrizultax illi l-imputati kienu ghamlu uzu, f'Settembru 2004 u qabel, minn dokumenti ossia *certificates of origin*, li kienu jafu li huma foloz.

Anke kieku kellu jigi accettat ghal mument illi c-certifikati foloz kienu gew sottomessi lid-Dwana u li l-imputati ghamlu uzu minnhom xjentement ghall-fini tal-*clearance* tal-merkanzija mid-Dwana cioe` mal-wasla tal-konsenji rispettivi f'Malta, xorta wahda ma jistax jigi mwarrab il-fatt illi evidentement, tnejn mill-erba' konsenji in dizamina waslu Malta f'Jannar 2005 u f'Lulju 2005, cioe` ferm wara Settembru 2004,

**<u>IT-TIELET SAS-SITT IMPUTAZZJONIJIET</u>**

Ghalkemm permezz tat-tielet sas-sitt imputazzjonijiet, l-imputati gew mixlijin li ghamlu "*dikjarazzjoni, jew issottomettew dokument jew informazzjoni*" bil-hsieb li jevadu xi dazju jew taxxa li kien imisshom ihallsu, huwa evidenti mill-mod kif gew imfasslin dawn l-akkuzi illi dawn l-imsemmija dikjarazzjonijiet, dokumenti u informazzjoni, gew imfissrin espressament u limitatament fl-istess akkuzi bhala konsistenti "*f'taghrif lill-awtoritajiet tad-Dwana **Reference No. …** relatata ma' **Certificate of Origin Malajsan"*** liema taghrif qed jinghad li gie sottomess lill-awtoritajiet tad-Dwana "***biex sussegwentement tkun tista' tigi rilaxxata konsenja ta' Energy saving Lamps, fejn wara stharrig irrizulta li dan ic-certifikat ma kienx awtentiku."***

Minn qari akkurat tal-akkuzi, il-Qorti fehmet illi l-Prosekuzzjoni qieghda torbot ir-reat tal-evazjoni tal-hlas tad-dazju tal-*anti-dumping* addebitat lill-imputati, mal-produzzjoni ossia sottomissjoni tas-*certificates of origin*. Din il-fehma hija msahha bil-fatt illi fl-istess akkuzi jkompli jinghad illi "*Ghaldaqstant, abbazi ta' dan ic-certifikat, bil-hsieb li tiffrodaw lill-Gvern ta' Malta…*"

Dan fih innifsu m'huwiex korrett. Kif diga` ampjament stabbilit, mhux talli jirrizulta li l-imputati ma kienux jafu li d-dokumenti ossia certifikati kienu foloz, talli **ma jirrizultax illi dawn ic-certifikati gew sottomessi sabiex jigu rilaxxati l-konsenji in kwistjoni**. Fil-fehma tal-Qorti il-konsenji rispettivi kienu ilhom li gew rilaxxati lill-imputati ferm qabel gew sottomessi *certificates of origin* li eventwalment rrizulta li kienu foloz. Tassew, huwa ppruvat biss illi l-imputati sottomettew id-dokumenti foloz ossia s-*certificates of origin* lid-Dwana **fl-2006 u mhux qabel**, mentri t-tielet sas-sitt imputazzjoni gew impostati b'mod li jirreferu unikament ghas-sottomissjoni ta' dokumenti fis-**snin 2004 u 2005**[43].

Minn dan kollu jikkonsegwi wkoll necessarjament illi dik il-parti tal-addebitu f'dawn l-imputazzjonijiet illi l-imputati sottomettew dokumenti foloz proprju "*sabiex sussegwentement tkun tista' tigi rilaxxata konsenja ta' energy saving lamps*", ma tistax tregi. Il-korollarju ulterjuri ta' dan huwa wkoll illi t-tielet sas-sitt imputazzjonijiet jistghu jiswew biss kwantu qed jigi allegat li l-imputati xjentement u bil-hsieb li jevadu l-hlas ta' *anti-dumping* duty u taxxi ohrajn, **ghamlu dikjarazzjoni hazina tal-HS Code u l-pajjiz tal-origini tal-merkanzija minnhom importata, izda ma jistghux jiswew kwantu ghall-addebitu li huma sottomettew dokumenti foloz konsistenti f'*certificates of origin* lid-Dwana.**

Izda ghalkemm kif rajna, jidher r-reat tal-evazjoni tal-hlas tad-dazju tal-*anti-dumping* gie fondat primarjament f'dan il-kaz fuq is-sottomissjoni u produzzjoni

[43] 14 ta' Settembru 2004, 16 ta' Novembru 2004, 24 ta' Jannar 2005 u 18 ta' Lulju 2005 u dati precedenti.

tas-*certificates of origin*, mill-mod li gew imfasslin dawn l-imputazzjonijiet, il-Qorti xorta wahda thoss li ma jistax jigi eskluz illi l-imputati qed jigu mixlija li evadew il-hlas tad-dazju kontra l-*anti-dumping* **anke permezz tad-dikjarazzjoni allegatament hazina tal-HS Code u tal-pajjiz tal-origini fuq id-dikjarazzjonijiet maghmula mill-importatur**[45]. Ghaldaqstant, nonostante l-konsiderazzjonijiet appena maghmula, il-Qorti xorta wahda sejra tistharreg jekk gie ppruvat li l-imputati xjentement ghamlu dikjarazzjonijiet foloz lill-awtoritajiet tad-Dwana bil-ghan illi jirrilaxxaw il-konsenji in kwistjoni u bil-hsieb li jevadu l-hlas tad-dazju tal-*anti-dumping* bi frodi tal-Gvern.

Ikkunsidrat;

Fit-tielet sas-sitt imputazzjonijiet, jidher l-imputati gew mixlija komplessivament b'diversi reati kontemplati fl-Artikolu 62 tal-Ordinanza tad-Dwana (Kap. 37), kif ukoll bl-Artikolu 18A tal-Att dwar Dazju ta' Importazzjoni (Kap 337)[47] u l-Artikolu 80 tal-Att dwar Taxxa fuq il-Valur Mizjud.

Il-Qorti tosserva illi ghalkemm il-Prosekuzzjoni fl-akkuzi a fol. 4 indikat illi r-reati addebitati lill-imputati saru bi ksur, *inter alia*, tal-Artikolu 18 tal-Kap. 37, huwa evidenti illi dan **ir-reat ma giex addebitat lill-imputati f'xi wahda mill-akkuzi kif impostati fic-citazzjoni**.

L-Artikolu 18 tal-Kap. 37 jipprovdi hekk:-

*Kull min jimporta jew iġiegħel li jiġi importat għalih, koll b'oggetti li ma jaqblux mad-dikjarazzjoni taghhom, jew direttament jew indirettament, jimporta jew iġiegħel li jiġi importat għalih jew jiddikjara jew iġiegħel li jiġi ddikjarat koll bħala li fih oġġetti ta' isem, li mbagħad jinsab, qabel jew wara l-kunsinna tagħhom, li fih oġġetti oħra, jew oġġetti suġġetti għal rata akbar jew għal ammont ieħor ta' dazju divers minn dak li għandu jitħallas fuq l-oġġetti ta' isem li bih dak*

[45] Esebiti bhala Dok. PGD2, PGD6, PGD9 u PGD 15.

[47] Dan l-Artikolu gie abrogat fl-2013.

*il-koll jew l-oġġetti ta' ġewwa fih ikunu ġew iddikjarati, din il-persuna teħel, għal kull reat bħal dan, multa ekwivalenti għal tliet darbiet l-ammont ta' dazju li għandu jitħallas fuq l-oġġetti li jkunu jinsabu f'dak il-koll jew ħames mija u tnejn u tmenin euro u erbgħa u tletin ċenteżmu (582.34), skont liema jkun l-akbar, hekk li terz minn dak l-ammont għandu jitqies bħala dejn ċivili addebitat u li jitħallas lid-Dipartiment tad-Dwana, u dak il-koll u l-oġġetti ta' ġewwa fih għandhom jiġu kkonfiskati.*

Jigi osservat illi l-imputazzjonijiet in kwistjoni tfasslu abbazi ta' diversi kontravvenzjonijiet kontemplati fl-Artikolu 62, izda huwa evidenti illi mkien ma gew imfissrin f'dawn l-imputazzjonijiet il-fatti ipotetizzati fl-Artikolu 18 fuq citat, cioe` li l-imputati allegatament importaw oggetti li ma jaqblux mad-dikjarazzjoni taghhom jew oggetti ta' isem li mbaghad jinsab qabel jew wara l-kunsinna taghhom, ikunu oggetti ohra suggetti ghal rata akbar jew ghal ammont iehor ta' dazju divers minn dak li ghandu jithallas fuq l-oggetti tal-isem li gew iddikjarati.

Fir-rigward, huwa risaput illi l-Qorti ma tista' qatt issib htija dwar il-kummissjoni ta' xi reat li l-imputat ma jkunx akkuzat bih fic-citazzjoni. Bla dubju, sabiex l-imputat ikun jaf b'liema reat ikun qed jigi mixli, jehtieg necessarjament illi r-reat specifiku, li huwa cirkostanza materjali u sostanzjali tal-kaz imressaq 'il quddiem mill-Prosekuzzjoni, ikun identifikabbli billi l-imputazzjoni tigi mfassla kemm jista' jkun bl-uzu tal-kliem tal-ligi nnifisha. L-Artikolu 360 tal-Kapitolu 9 jfisser kif ghandha tigi redatta ic-citazzjoni u l-htiega li l-fatti indikati fl-istess citazzjoni jkunu idonei sabiex il-persuna imharrka tkun tista thejji id-difiza taghha b'mod tajjeb. Huwa assodat in materja illi s-semplici indikazzjoni tal-Artikolu tal-ligi fic-citazzjoni bla dubju mhijiex bizzejjed ghal dan l-iskop u b'hekk ma tissodisfax ir-rekwiziti tal-Artikolu 360.

Ghaldaqstant, billi r-reat kontemplat taht l-Artikolu 18 tal-Kap. 37 ma jirrizultax mill-fatti mfissrin fic-citazzjoni tal-kaz *de quo*, il-Qorti tqis illi irrispettivament u minkejja dak kollu li jista' jirrizulta mill-provi processwali, ma tistax tinstab htija fl-imputati ghal dan ir-reat li wara kollox, ma jirrizultax li gew mixlija bih.

Ikkunsidrat;

Madanakollu, huwa manifest illi l-imputati qed jigu mixlijin, permezz tat-tielet sas-sitt imputazzjoni, b'diversi kontravvenzjonijiet tal-Artikolu 62 tal-Kap. 37, liema kontravvenzjonijiet kwazi lkoll jesigu, ghas-sejbien ta' htija, prova dwar ix-xjenza da parti tal-imputat li qed jikkommetti l-kontravvenzjonijiet in kwistjoni.

Kwantu ghat-tielet sas-sitt imputazzjonijiet, dawn huma in effetti, ilkoll riproduzzjoni ta' xulxin in kwantu jirreferu ghal erba' istanzi differenti ta' importazzjoni ta' konsenji allegatament bi ksur ta' diversi dispozizzjonijiet tal-Kap. 37, izda l-kontravvenzjonijiet li jistghu jigu identifikati mit-tfassil tal-fatti addebitati fl-imputazzjonijiet in dizamina li bihom jinsabu mixlijin l-imputati, huma s-segwenti, cioe` illi:-

*(f) xjentement jilqa' għandu, iżomm, jew jaħbi, jew xjentement iħalli jew jittollera, jew iġiegħel jew ifittex li jiġu milqugħa, miżmuma jew moħbija oġġetti li l-importazzjoni tagħhom hija pprojbita jew limitata, jew li ma ħallsux dazju, jew oġġetti li jkunu ġew imwarrba kontra l-liġi mingħajr ħlas ta' dazju, minn maħżen ta' depożt tal-gvern jew privat jew lok ieħor ta' kustodja fejn ikunu ġew iddepożitati; jew*

*(g) xjentement jiġi fil-pussess ta' dawn l-oġġetti; jew*

*(h) xjentement ikollu b'xi mod x'jaqsam fil-ġarr, twarrib, depożt jew ħabi ta' dawn l-oġġetti jew, filli b'xi mod jiddisponi minn dawn l-oġġetti, bil-ħsieb li jiffroda lill-Gvern minn dazju li jkun imiss jitħallas fuqhom, jew biex jeħles minn xi projbizzjoni jew limitazzjoni dwar dawn l-oġġetti jew li tkun tgħodd għalihom; jew*

*(i) xjentement ikollu b'xi mod x'jaqsam, filli bil-qerq jinħarab jew jiġi ittentat li jinħarab xi dazju tad-dwana, jew xi liġi jew limitazzjoni tad-dwana, dwar l-importazzjoni, il-ħatt, it-trasbord, l-iżbark u l-kunsinna ta' oġġetti, jew xi disposizzjoni oħra ta' din l-Ordinanza; jew*

…

*(k) iħajjar, igħin jew jassisti l-egħmil tar-reati hawn fuq imsemmija; jew*

*(m) jagħmel jew jagħti jew jissottometti jew ikun kaġun li ssir jew tingħata xi dikjarazzjoni, dokument jew informazzjoni lill-Kummissarju li bid-dehen tiegħu, tkun falza f'xi dettall.*

Ikkunsidrat;

In propositu tal-element tax-xjenza ghar-reati taht l-Artikolu 62 tal-Kap. 37, il-Qorti tal-Appell Kriminali fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Anthony Mifsud et**[48], qalet hekk:-

"*Jekk il-prosekuzzjoni tipprova li l-appellant zamm ghandu jew laqa' ghandu oggetti li fuqhom ma thallasx dazju*[49]*, b'daqshekk ma tkunx issodisfat il-vot tal-ligi billi tkun trid tipprova wkoll li l-imputat agixxa xjentement, altrimenti l-kelma xjentement tkun qeghda fil-ligi ghalxejn."*

Imbaghad fl-Appell Kriminali fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Carmel sive Charles Azzopardi**[50] fejn id-difiza ssollevat in-nuqqas ta' xjenza u ta' mens rea tal-imputat fil-partecipazzjoni tieghu fir-reat lilu addebitat gie ritenut li:-

*"Jigi osservat immedjetament rigward dan il-punt li huwa strettament ta' natura legali, illi f'kazijiet precedenti fejn l-istess punt inqala' u gie deciz, il-pozizzjoni illi hadet din il-Qorti kienet fis-sens li dak illi kien gie deciz mill-Imhallef Harding, President ta' din il-Qorti fl-24 ta' Novembru, 1945 in re. 'Il-Pulizija vs. Anthony Preca', fejn, ghall-fini tal-ispostament tal-oneru tal-prova minn fuq il-Prosekuzzjoni ghall-fuq l-imputat, kienet saret distinzjoni importanti bejn il-kaz fejn l-imputat ikun l-importatur u l-kaz l-iehor fejn l-imputat ma jkunx il-komplici tieghu imma jkun assista fl-iskarikar tal-merkanzija. F'dik is-sentenza, li giet imbaghad sussegwentement segwita b'diversi sentenzi ohra fosthom dik in re "Il-Pulizija kontra Joseph Farrugia" deciza minn din il-Qorti fis-7 ta' Jannar, 1991, kien gie deciz li ghalkemm huwa veru li skond il-ligi f'akkuza ta' pussess ta' oggett li dwaru ma jkunx thallas id-dazju, il-prova li d-dazju kien thallas ghandha ssir mill-imputat, cio' nonostante fil-materja ghandha ssir distinzjoni bejn il-kaz*

[48] **Il-Pulizija vs Anthony Mifsud u George Grima**, Appell Kriminali sentenza moghtija fit-12 ta' Gunju, 1989.
[49] Artikolu 62(f) tal-Kap. 37.
[50] Deciza 22 ta' Settembru 1993.

*fejn l-imputat huwa l-importatur ta' dak l-oggett jew il-komplici tieghu jew l-esekutur immedjat tal-att ta' kuntrabandu u l-kaz li l-imputat ikun haddiehor. F'dan l-ahhar kaz jinhtieg ghall-kontravvenzjoni ir-rekwizit tax-xjenza, igifieri li l-imputat kien jaf jew messu ragjonevolment ikun jaf li d-dazju dwar dak l-oggett ma jkunx gie imhallas."*

*...*

*.... ghaldaqstant meta c-cirkostanzi juru li l-imputat kellu ragjonevolment jahseb li id-dazju fuq oggetti minnu possedut ma kienx thallas, kellu r-rekwizit ta' dik ix-xjenza u allura huwa hati tal-kontravvenzjoni lilu addebitata. Diversament huwa ezenti minn kull htija min ma kienx jaf u ma setax ragonevolment ikun jaf li d-dazju ma kienx thallas jew min kien mic-cirkostanzi gustifikat jahseb li id-dazju thallas ........Wiehed pero' jrid joqghod attent f'sitwazzjoni simili billi ma jispostax l-ordni tal-logika ta' kif ghandhom isiru l-affarijiet u ma jinqabadx f'nasba ta' spostament ta' ragonament pseuodologiku....Skond din il-Qorti l-ordni li ghandu jigi segwit huwa illi ghandu jigi stabbilit l-ewwel u qabel kollox, x'tip ta' attivita' kienet qed issir mill-appellant. Ghal dan il-fini, din il-Qorti jidhrilha li originarjament il-prova inizjali illi l-imputat kien jew l-importatur ta' l-oggetti, jew il-komplici ... jew li almenu kellu element ta' konoxxenza ta' dak li kien qieghed isir, tinkombi fuq il-prosekuzzjoni, imbaghad una volta stabilit dan, cioe' li jew kien l-importatur jew kien il-komplici jew li kien fi kwalunkwe kaz jaf x'inhu jigri, l-oneru tal-prova jinkombi fuq l-imputat fit-termini tal-ligi. Pero' inizjalment kif inghad, il-prova trid issir mill-Prosekuzzjoni."*[51]

Illi dan l-insenjament u din id-distinzjoni gew segwiti mill-istess Qorti fis-sentenza **Il-Pulizija vs. Francis Xavier sive Franco Borg**[52] fil-kaz ta' pussess ta' oggett li dwaru ma jkunx thallas id-dazju bi ksur tal-paragrafi (g) u (h) tal-Artikolu 62.

Dejjem dwar dan l-element tax-xjenza, l-istess Qorti tal-Appell Kriminali esprimiet ruha hekk fis-sentenza **Il-Pulizija vs. Louis Frendo**[53]:-

*"...dan ir-rekwizit ifisser li meta wiehed jikkonsidra c-cirkostanzi kollha relattivi u partikolari ghall-kaz, dawn l-istess cirkostanzi ghandhom ikunu bizzejjed fihom infushom biex juru li f'dak il-kaz, il-possessur tal-oggetti in kwistjoni kien jaf, jew messu ragonevolment ikun jaf minn dawk ic-cirkostanzi, li d-dazju/levy fuq dawk l-*

[51] Citata mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Paul Balzan**, deciza 5 ta' Mejju 2005.
[52] Deciza 23 ta' Settembru 1994.
[53] Deciza 12 ta' Marzu 1999.

*oggetti ma kienx imhallas . Din hi t-tifsira ta' dan ir-rekwizit tax-xjenza fl-imsemmija artikoli tal-Kap.37."*

Ikkunsidrat;

Dwar ix-xjenza li ghandha tigi ppruvata fl-imputat sabiex jinstab hati tar-reati taht l-imsemmi Artikolu 62, ghandu jittiehed qies ta' dak li jipprovdi l-Artikolu 77 tal-Kap. 37:-

*Jekk meta jiġu mitluba lura oġġetti, maqbuda minħabba nuqqas ta' ħlas ta' dazju, jew għal raġuni oħra li ġġib magħha l-konfiska, inkella fi proċedimenti għall-ġbir ta' xi piena ta' flus* ***jew xort'oħra skont din l-Ordinanza tinqala' kwistjoni dwar jekk id-dazju li jmiss fuq dawk l-oġġetti kienx ġie mħallas, jew jekk dawk l-oġġetti kienux ġew importati jew trasburdati jew żbarkati skont il-liġi, jew dwar il-lok minn fejn kienu ġew dawk l-oġġetti****, f'kull wieħed minn dawn il-każijiet il-prova tiegħu tmiss lill-persuna li tagħmel dik it-talba jew lill-imputat li kontra tiegħu jsir dak il-proċediment, skont il-każ.* [enfasi tal-Qorti]

Fil-kawza **Il-Pulizija vs. Mario Scicluna** deciza fis-7 ta'Marzu, 1985, il-Qorti tal-Appell Kriminali kkonfermat il-principju li a tenur tal-Artikolu 77 tal-Kap. 37, meta fi procediment taht dik il-Ligi tinqala' kwistjoni dwar jekk id-dazju fuq oggetti partikolari kienx gie imhallas jew dwar minn fejn jew kif dawn l-oggetti gew akkwistati, il-prova ta' dan taqa' fuq l-imputat. Il-Qorti fissret hekk dan il-principju:-

"*... kull prova ghalhekk li l-Prosekuzzjoni trid taghmel hi nskritta minn dan l-artikolu u permezz tieghu jidher car li l-prova li l-prosekuzzjoni trid taghmel hi li ma jirrizultalhiex li thallas id-dazju. Minn hemm il-quddiem l-oneru tal-prova hu mixhut fuq l-imputat."*

L-import tal-Artikolu 77 tal-Kap. 37 gie trattat f'diversi sentenzi tal-Qorti tal-Appell Kriminali fosthom **Il-Pulizija vs Andrew Zammit**[54] fejn gie ribadit il-

[54] Deciza 31 ta' Lulju 1998.

principju li jekk tinqala' kwistjoni dwar jekk oggetti kienx thallas id-dazju fuqhom jew kienux importati skond il-ligi, il-prova relattiva tmiss lill-imputat.

Izda, gie ritenut ukoll illi huwa biss meta c-cirkostanzi juru li l-imputat kien jaf li id-dazju ma kienx thallas, illi tiskatta l-applikazzjoni tal-Artikolu 77 tal-Kap. 37 li jitfa' l-oneru fuq l-imputat biex jipprova li d-dazju fuq dawk l-oggetti kien thallas. F'kazijiet simili, huwa assodat illi kull ma trid taghmel il-prosekuzzjoni hu li tipprova (a) dawk l-oggetti dahlu Malta, (b) li *prima facie* jidher li id-dazju fuqhom ma kienx thallas, u (c) li dawk l-oggetti kienu fil-pussess u kontroll shih tal-imputat.

Mehud qies ta' dan l-insenjament u applikat ghal dan il-kaz, huwa evidenti fil-kaz odjern illi gie debitament ipprovat mill-Prosekuzzjoni li l-imputati, bhala diretturi tal-kumpannija Master Electric Company Limited, kienu l-importaturi tal-oggetti li dwarhom qed jigi allegat li ma thallasx l-*anti-dumping duty* applikabbli u konsegwentement, dan stabbilit, imiss li jigi stabbilit jekk *prima facie* jidher li dan id-dazju kien dovut u ma thallasx. F'kaz affermattiv, galadarba qeghdin jeccepixxu f'dan il-kaz li huma hallsu d-dazju applikabbli ghal dawk l-oggetti importati u li ma kienx dovut l-*anti-dumping duty*, ikun jispetta lill-imputati l-prova li kienu hallsu dak id-dazju li huwa dovut.

Ikkunsidrat;

Fic-cirkostanzi, il-Qorti hija disposta tacetta illi **abbazi tal-prova tal-falzita` tas-*certificate of origin*** li gew sottomessi mill-imputati, anke jekk *ex post facto* fuq talba tal-awtoritajiet doganali, hemm bizzejjed x'iwassal ghall-konkluzjoni *prima facie* illi, galadarba l-prodotti ma originawx mill-Malaysia[55], seta' ma thallasx id-dazju applikabbli ghad-diversi partiti ta' importazzjoni. Stabbilit ghalhekk li l-Prosekuzzjoni ghamlet il-prova *prima facie* ghal dak li jirrigwarda d-diversi reati

[55] Fil-fatt gie stabbilit mill-provi illi l-oggetti importati ma kienux jigu manifatturati fil-Malyasia.

addebitati taht l-Artikolu 62 tal-Kap. 37, jiskatta d-dispozittiv tal-Artikolu 77 tal-istess Ordinanza li jitfa' fuq l-imputati l-oneru tal-prova li d-dazju dovut kien effettivament thallas fuq kull partita in kwistjoni. M'huwiex qed jigi kontestat mid-difiza illi dan id-dazju ma thallasx skont ir-rata li l-Prosekuzzjoni tallega li kienet applikabbli[56].

Il-Qorti ghalhekk trid issa tara jekk abbazi tal-gabra tal-provi in atti jistax jigi konkluz illi d-dazju applikabbli u dovut, kien thallas kif imiss u dan billi jigi stabbilit jekk f'dan il-kaz l-*anti-dumping duty* kienx effettivament dovut fuq l-oggetti importati mill-imputati.

Jigi senjalat illi hawnhekk tapplika dejjem ir-regola probatizja generali u cioe` li l-Prosekuzzjoni trid tipprova l-htija tal-imputat sal-grad tac-certezza morali rikjest mil-ligi u cioe' lil hinn minn kull dubju ragjonevoli. Fil-kaz tad-difiza pero`, il-prova li jkun irid jaghmel l-imputat hija dejjem wahda sal-grad tal-probabbli u cioe` li x' aktarx iva milli le ikun gara dak li qed jghid jew qed jipprospetta hu.[57]

Izda minkejja l-prova *prima facie* li seta' kien dovut id-dazju *anti-dumping* applikabbli ghall-oggetti importati mic-Cina, il-Qorti wara li fliet il-provi senjatament id-dokumenti kollha esebiti mill-Prosekuzzjoni, m'hijiex konvinta illi d-dikjarazzjonijiet maghmula mill-imputati lill-awtoritajiet tad-dwana ghall-fini tal-importazzjoni u rilaxx tal-merkanzija in kwistjoni, saru b'mod hazin kwantu ghall-indikazzjoni tal-HS Code applikabbli. Lanqas tista' tasal ghall-fehma li dawn id-dikjarazzjonijiet saru xjentement bil-hsieb li jigi evadut il-hlas tal-*anti dumping duty* u taxxi ohrajn.

Ikkunsidrat;

---

[56] Rata ta' 66.1%.
[57] Ara wkoll in propositu, **Il-Pulizija vs Andrew Ellul Sullivan et**, deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fl-20 ta' Marzu 2003.

Il-Qorti tqis illi l-fatt illi l-konsenji tal-merkanzija importati mill-imputati ghaddew mill-process ta' skrutinju tad-Dwana u gew ilkoll rilaxxati lill-imputati, ifisser necessarjament illi dak iz-zmien l-HS Code indikat mill-importatur gie meqjus bhala korrett mill-awtoritajiet doganali, talanqas kwantu ghad-**deskrizzjoni tal-oggetti** li kienu qed jigu importati, u dan irrispettivament mis-sottomissjoni o meno dak iz-zmien ta' xi *certificate of origin.* Il-korollarju ta' dan huwa, necessarjament, illi l-unika indikazzjoni hazina li setghet saret fid-dikjarazzjoni tal-importatur hija kwantu ghall-pajjiz tal-origini tal-prodotti importati, u dan ghaliex gie stabbilit inkonfutabbilment mill-provi illi c-*certificates of origin* foloz gew sottomessi mill-importatur lid-Dwana ferm wara r-rilaxx tal-merkanzija.

Din il-konkluzjoni l-Qorti waslet ghaliha wara li qieset ix-xhieda tal-imputat Emanuel Micallef li kif inghad, fisser illi huwa ordna l-merkanzija minghand is-supplier Ciniz, b'istruzzjonijiet espressi li l-lampi in kwistjoni kellhom ikunu manifatturati gewwa l-Malaysia u mhux gewwa c-Cina. L-imputat sahaq illi huwa ta dawn l-istruzzjonijiet specifikatament sabiex ma tigix applikata rata gholja ta' *anti-dumping-duty* fuq l-importazzjoni tal-prodotti in kwistjoni. Kif wara kollox qal ix-xhud Philip Grech fid-depozizzjoni tieghu, kien hemm certu tip ta' bozoz gejjin mic-Cina li kienu soggetti ghal *anti-dumping duty*, u ohrajn li ma kienux hekk soggetti[58].

L-imputat qal ukoll li gie rassigurat mis-supplier Ciniz illi ma kienx hemm diffikolta` biex jikseb il-prodott mill-Malaysia u jesportaha lejn Malta mic-Cina. Infatti, il-Qorti tosserva illi mid-diversi dokumenti esebiti mix-xhud Philip Grech[59], jirrizulta illi l-prodotti gew esportati minn kumpannija fil-Malaysia, "*Nine Star Worldwide (M) SDN BHD*", u ma tressqet l-ebda prova li turi li l-imputat kellu ghalfejn jiddubita l-veracita` ta' din l-informazzjoni lilu moghtija mis-supplier u lanqas ma ntweriet raguni ghaliex il-Qorti ghandha twarrab din il-

[58] Xhieda ta' Philip Grech – 15 ta' Frar 2011, fol. 48.
[59] Fosthom invoices Dok. PGD12 a fol. 73, PGD18 u PGD 19 a fol. 83 u 84 rispettivament, ilkoll mahrugin mill-kumpannija Nine Stars Worldwide, gewwa l-Malaysia.

verzjoni tal-imputat jew temmen illi l-*invoices* mahrugin minn din il-kumpannija, esebiti fl-atti, ma humiex awtentici. Wara kollox ma hemm ebda allegazzjoni dwar il-falzita` ta' dawn l-*invoices* sottomessi mill-imputati in konnessjoni mal-merkanzija importata. Maghdud dan, il-fatt illi l-konsenji eventwalment intbaghtu minn kumpannija Ciniza[60] ma hijiex fiha nnifisha prova lil hinn minn kull dubju li l-prodott esportat ukoll gie manifatturat f'dak l-istess pajjiz, *multo magis* meta hemm provi fl-atti illi juru li l-kumpanija li esportat il-prodotti ossia l-lampi jew bozoz in kwistjoni, hija l-imsemmija kumpannija fil-Malaysia[61].

Biex waslet ghall-konkluzjoni illi d-dikjarazzjonijiet maghmula mill-imputati lill-awtoritajiet tad-dwana kwantu ghall-indikazzjoni tal-HS Code, ma sarux hazin, il-Qorti ezaminat akkuratament id-dokumentazzjoni esebita mix-xhud Philip Grech fis-seduta tat-18 ta' Mejju 2011[62], f'liema dokumentazzjoni skont hu hemm indikat l-HS Code li kellu jigi korrettement applikat fuq l-importazzjoni tal-oggetti indikati fil-*bills of lading* rispettivi. Ghalkemm huwa minnu li dawn l-HS Codes huma differenti minn dawk applikati mill-imputati fid-dikjarazzjonijiet in kwistjoni, huwa evidenti minn din id-dokumentazzjoni illi (i) l-imsemmi xhud qieghed jassumi illi l-prodotti importati originaw fic-Cina; (ii) id-deskrizzjoni ossia klassifika tal-oggetti kemm skont l-HS Codes indikati mix-xhud kif ukoll skont dawk dikjarati mill-imputati, huma prattikament identici; u (iii) ix-xhud indika li l-oggetti importati kellhom jigu indikati taht kategorija "*other*" b'HS Code partikolari, izda ma spjegax kif dawn l-istess oggetti kienu eskluzi mill-kategorija l-ohra intestata "*other*" li ghandha HS Code differenti.

Ikkunsidrat;

Applikati dawn il-konsiderazzjonijiet ghall-konsenji individwali mertu ta' dawn il-proceduri, il-Qorti tosserva illi:-

[60] China Associate Group Co. Limited, indikata fil-*bills of lading* bhala *shipper*.
[61] *Nine Star Worldwide (M) SDN BHD.*
[62] Dok. DPD1 sa DPD4.

Kwantu ghad-dikjarazzjonijiet esebiti bhala Dok. PGD2, PGD6, PGD9 u PGD15[63], l-importatur hemmhekk indika HS Code 8539311090 ghall-oggetti deskritti bhala *daylight fluorescent tubes*, u HS Code 8539390090 ghall-oggetti deskritti bhala *energy-saving lamps* jew *daylight lamps*, liema Codes japplikaw, skont ma jirrizulta mid-dokumenti esebiti mix-xhud Philip Grech[64], ghall-kategorija deskritta bhala "*Electric filament or discharge lamps, including sealed beam lamp units and ultraviolet or infrared lamps, arc lamps; Discharge lamps, other than ultra violet lamps; Fluorescent hot cathode; Mercury or sodium vapour lamps, metal halide lamps; Other*". Ix-xhud Philip Grech qal, izda, li l-HS Code applikabbli ghal dawn l-oggetti importati kellu jkun, minflok, dak bin-numru 8539319095, u dan ghaliex:-

"*… dina l-HS Code number li taw l-imputati hija deskrizzjoni ta' oggetti ohra li m'humiex* energy-saving lamps*. In fatti nippreciza li ma humiex compact energy saving lamps*."

Madanakollu, ezami tad-dokumenti a fol. 91, 98 u 103 jirrileva illi l-HS Code 8539319095 li skont ix-xhud kellu jigi indikat kwantu ghall-importazzjoni tal-oggetti in kwistjoni, jirreferi **ghal oggetti bl-istess deskrizzjoni identika bhal dik tal-HS Codes** 8539311090 u 8539390090 **applikati mill-imputati fuq id-dikjarazzjoni tal-importazzjoni tal-konsenji in kwistjoni, bid-differenza unika illi fid-deskrizzjoni tal-oggetti bl-HS Code 8539319095 hemm inkluz ukoll is-segwenti oggetti <u>oltre</u> ghal dawk deskritti fl-HS Codes indikati mill-imputati:-**

*"Electronic compact fluorescent discharge lamps functioning on alternating current (including electronic compact fluorescent discharge lamps functioning on both alternating and direct current), with one or more glass tubes, with all lighting elements and electronic components fixed to the lamp foot, or integrated in the lamp foot."*

[63] Li jikkorrispondi ghad-dokumenti mmarkati rispettivament "*Item 1 as declared*" (fol. 94 u 95) u "*Item 2 as declared*" (fol. 96 u 97).
[64] Parti minn Dok. DPD1, DPD2 u DPD3 rispettivament, a fol. 94, 101, 106 u 108

Infatti, ghalkemm ix-xhud Philip Grech iddikjara li l-oggetti li importaw l-imputati kellhom jigu dikjarati bhala *compact energy-saving lamps* taht il-kategorija tal-oggetti li ghalihom huwa applikabbli l-HS Code 8539319095, mill-atti, inkluz mill-*bills of lading* u *invoices* sottomessi lid-Dwana in konnessjoni mal-konsenji in kwistjoni, **ma jirrizulta minn imkien illi l-oggetti importi kienu effettivament *compact energy-saving lamps* u li konsegwentement l-HS Code dikjarat mill-imputati kien hazin**.

Ghandu jinghad ukoll illi filwaqt li ma hemm assolutament xejn fil-provi li teskludi l-applikazzjoni tal-HS Codes li gew effettivament dikjarati mill-imputati f'Dok. PGD2, PGD6, PGD9 u PGD15, jirrizulta ulterjorment illi l-HS Code 8539319095 li allegatament kellu jigi dikjarat mill-importatur, **diga` jirreferi ghal prodotti importati minn "*Area: China-CN*"** u mkien ma tissemma li dawn huma codes applikabbli ghal prodotti gejjin mill-Malaysia.

F'dan l-isfond, il-Qorti tqis illi difficilment tista' tasal ghall-konkluzjoni illi l-indikazzjoni tal-HS Code mill-imputati saret hazin, wisq anqas xjentement bil-hsieb li jinharab il-hlas tad-dazju u taxxi, meta mhux talli l-kategorija bl-HS Code 8539311090 tinkwadra perfettament fid-deskrizzjoni tal-oggetti importati ("*daylight fluorescent lamps*" u "*energy-saving lamps*"), **talli l-Codes dikjarati mill-imputati jidher huma ugwalment applikabbli ghal prodotti gejjin mic-Cina**. Fir-rigward Philip Grech fisser illi:-

*"... kien hemm kazijiet fejn min iddikjara bozoz li kienu mic-Cina kienu verament mic-Cina pero` dawna ma kellhom anti-dumping duty, kien hemm min kellu inqas minn 66.1 (sic. 66.1%) u dana in kwantu dwar dumping duty.*"

Dan ifisser ukoll illi anke kieku ghal mument wiehed, kellu jigi koncess illi kif qed tallega l-Prosekuzzjoni, il-prodotti in kwistjoni originaw mic-Cina, il-Qorti tqis li l-HS Code indikat mill-imputati seta' kien, wara kollox, tajjeb u ma kienx hemm dazju addizzjonali ta' *anti-dumping* applikabbli. Hawnhekk il-Qorti lanqas m'hi

qed tiehu qies tal-konsiderazzjoni illi ma giex stabbilit mill-provi minn liema pajjiz effettivament originaw il-prodotti importati mill-imputati. Dwar minn fejn effettivament originaw il-lampi in kwstjoni, Saviour Grima qal "*Personalment ma nistax nghid fejn originaw il-lampi in kwistjoni.*"[65]

Izda l-Qorti trid tissenjala wkoll illi hija waslet ghal din il-konkluzjoni anke tenut in konsiderazzjoni illi skont kif xehed l-imputat Emanuel Micallef, l-oggetti importati mill-imputati fil-konsenji in kwistjoni, **gew ezaminati mid-Dipartiment tad-Dwana mal-wasla taghhom f'Malta** u kif diga` nghad, m'huwiex kontestat illi effettivament il-konsenji kollha nghataw id-debitu *clearance* dak iz-zmien u gew rilaxxati minghajr problema. Fil-fehma tal-Qorti dan ifisser illi ghall-awtoritajiet doganali, l-indikazzjoni HS Code mill-imputati kien idoneu talanqas kwantu ghad-**deskrizzjoni** tal-oggett importat.

L-imputat Emanuel Micallef xehed hekk fir-rigward[66]:-

"*Min ghand dan is-supplier ahna kellna l-HS code number ta' dawk il- bozoz li importajna u l-anti dumping duties. Fil fatt, fil fatt kif jiena diga xhedt qabel il container dahlilna stripping issa meta il-container ikun stripping meta jaghtuk il container ikunu jridu jiccekjaw il merkanzija kolla item item tajjeb u jikkonfermaw illi dak li inti prezentajt fl-entry ta' dwana tal-ordni ta xoghol ikun jaqbel ma prodott jigifieri hemm hekk ahna iktar u iktar kelna mohhna mistrieha li dan ma kienx hemm anti dumping fuqu.*"[67]

Mizmum ferm il-premess, il-Qorti ma tistax tosserva wkoll illi tassew, **il-kostatazzjoni dwar jekk id-deskrizzjoni tal-oggetti importati kienetx korretta ghall-fini ta' applikazzjoni tal-HS Code u kwindi l-hlas tal-*anti dumping duty*, setghet issir bl-iktar mod effettiv biss mal-wasla tal-konsenja f'Malta, u certament mhux sentejn wara li l-konsenji gew rilaxxati u l-prodotti addirittura kwazi kollha lahqu nbieghu**.

[65] Xhieda tal-14 ta' Frar, 2012. Fol. 122
[66] Xhieda tat-13 ta' Marzu, 2019 fol. 325 et seq.
[67] Fol. 331.

Konsegwentement, il-Qorti ma tarax kif tista' taghti piz lit-tezi tal-Prosekuzzjoni illi l-HS Code dikjarat mill-imputati gie kkostatat li ma kienx applikabbli ghall-kategorija tal-oggett importat, *ex post facto.* F'kull kaz, kif diga` kkunsidrat, il-Qorti mhux konvinta illi gie ppruvat fil-grad rikjest mi-ligi illi l-imputat dikjaraw HS Code hazin, wisq anqas illi l-imputati agixxew dolozament, b'qerq jew bil-hsieb li jevadu d-dazju addizzjonali.

Ghaldaqstant, il-Qorti tqis illi l-imputati rnexxielhom jissodisfaw l-oneru tal-prova inkombenti fuqhom bl-operat tal-Artikolu 77, billi wrew illi l-Code dikjarat minnhom ghall-fini tal-importazzjoni tal-oggetti in kwistjoni, ma kienx hazin. Minn dan isegwi illi mhux minnu li l-oggetti importati gew rilaxxati lill-imputati minghajr hlas ta' dazju kif imiss, izda huwa ppruvat fuq bazi ta' probabbilita` illi l-imputati ma agixxewx xjentement biex jigi evadut il-hlas ta' xi dazju fuq l-importazzjoni tal-oggetti in kwistjoni bi ksur ta' xi wiehed mis-subincizi (f) (g) (h) jew (i) tal-Artikolu 62 tal-Kap. 37. Galadarba ma kien hemm l-ebda dikjarazzjoni hazina, lanqas tista' tinstab htija fl-imputati ghall-kontravvenzjoni ipotetizzata taht is-subinciz (m) tal-Artikolu 37, cioe` li ghamlu jew taw jew issottomettew dikjarazzjoni, dokument jew informazzjoni lill-awtoritajiet doganali li jafu li tkun falza f'xi dettall.

Maghmula dawn il-konsiderazzjonijiet u stabbilit li ma saret ebda dikjarazzjoni falza u l-imputati ma agixxewx b'qerq jew dolozament meta sottomettew dokument li mhux veritjer f'xi partikolarita` materjali tieghu, ma huwiex mehtieg ghall-Qorti tistharreg jekk kienx hemm ksur ukoll tal-Artikolu 18A tal-Kap. 337[80], lanqas biex tistabblixxi jekk l-imputati setghux imxew negligentement fir-rigward. Huwa evidenti mill-mod kif gew imfasslin l-akkuzi illi l-imputati gew mixlija biss li agixxew xjentement u bi hsieb qarrieqi, u mhux negligentement.

[80] Dan l-Artikolu gie abrogat permezz tal-Att III tal-2013.

Lanqas ma huwa mehtieg ghall-Qorti tindaga jekk kienx hemm ksur tal-Artikolu 80 tal-Kap. 460 (Att dwar Taxxa fuq il-Valur Mizud) ghaliex huwa ovvju li huwa biss f'kaz li jigi ravvizat ksur ta' xi wiehed mid-dispozizzjonijiet tal-Artikolu 62[81] tal-Kap. 37 li tista' tinstab htija ghar-reat taht l-imsemmi Artikolu 80.

**DECIDE**

**Ghal dawn il-motivi, il-Qorti ma ssibx lill-imputat SAVIOUR MICALLEF u lill-imputat EMANUEL MICALLEF hatja tar-reati li gew addebitati lilhom u konsegwentement, filwaqt li tiddikjara li m'humiex hatja tal-imputazzjonijiet dedotti fil-konfront taghhom, tillibera lill-istess imputati minn kull htija u piena.**

**DR RACHEL MONTEBELLO B.A. LL.D.**
**MAGISTRAT**

[81] Jew ksur tal-Artikolu 18 jew 60 li l-ksur taghhom ma giex ravvizat fl-imputazzjonijiet kif imfasslin.